MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1723/2010

**Joseph Bonnici**
**ID826354-M**

**vs**

**Golden Travel Club Limited**
**C-33107**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li s-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' hames mija u sebgha u sittin Ewro u sebgha u erbghin centezmi (€567.47c) rapprezentanti danni li huwa sofra u konsistenti f'ghaxart ijiem akkomodazzjoni, ikel u spejjez ta' telefonati meta s-socjeta' konvenuta b'negligenza u traskuragni kkancellatlu l-flights tal-25 ta' Frar 2010 (MS 961 25/2 KKK-CAI – 00.500 – 05.55, u MS443 25/2, CAI-MLA – 11.00. 13.00) li kienu pprenotati ma' l-Egypt Air

tramite s-Selective Travel Limited ghar-ritorn tieghu lejn Malta minn Bangkok.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-18 ta’ Marzu 2010, ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi s-socjeta’ konvenuta ma hija responsabbli ghal ebda dannu versu l-attur, stante li kien l-attur stess li kkancella r-*return trip* tieghu u talab lis-socjeta’ konvenuta sabiex taghmillu arrangamenti alternattivi stante li huwa ried jestendi s-safra tieghu. Kwindi s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex tkun responsabbli ghall-ispiza li dan it-tibdil gab mieghu.

Bl-ispejjez kontra l-attur li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-attur ghamel prenotazzjoni ghal safra lejn it-Thailand, u li tali safra kienet ippjanata bejn is-7 ta’ Jannar 2010 u l-25 ta’ Frar 2010. Illi fil-fatt l-attur siefer, u waqt illi kien imsiefer iddecieda li jestendi l-mawra tieghu bi tliet (3) ijiem ohra, b’tali mod illi jkun jista’ jirritorna lura Malta ma’ xi hbieb tieghu li wkoll kienu Thailand. Illi kien f’dan l-istadju, meta mar f’agenzija tal-ivvjaggar f’Bangkok sabiex jibdel id-data tar-ritorn tieghu lejn Malta, illi sar jaf illi l-prenotazzjoni tieghu sabiex jirritorna lura Malta fil-25 ta’ Frar 2010 mal-Egypt Air, kienet giet imhassra.

Illi konsegwenza ta’ dan, l-attur isosotni illi hu kellu jestendi l-mawra tieghu ghal perjodu itwal minn dak previst, u dan ghaliex l-eqreb data li l-agenzija tal-ivvjaggar offritlu sabiex jigi lura Malta kien fis-7 ta’ Marzu

2010. Illi in forza ta’ din l-azzjoni l-attur qed jitlob refuzjoni tal-ispejjez li hu nefaq ghall-akkomodazzjoni bejn il-25 ta’ Frar 2010 sas-7 ta’ Marzu 2010, kif ukoll ghall-ikel ghal ghaxart (10) ijiem bir-rata ta’ tlieta u ghoxrin Ewru u tlettin centezmu (€23.30c) kuljum. Dan oltre wkoll l-ispiza ta’ bosta telefonati li gie kostrett li jaghmel lejn Malta minhabba din il-problema li nqalghet dwar il-kancellament tal-prenotazzjoni fuq it-titjira tieghu lura lejn Malta.

Illi da parti taghha, s-socjeta’ konvenuta ssostni illi ghalkemm il-prenotazzjoni ghal din is-safra saret minnha, madanakollu, it-*ticketing* sar mill-Egypt Air stess, u l-kancellament tal-prenotazzjoni lura lejn Malta ma sarx minnha, u li ghalhekk m’ghandhix taghmel tajjeb ghall-ispejjez li nkorra l-attur fil-granet zejda li gie kostrett li jqatta’ barra minn Malta.

Illi r-rapprezentant tal-Egypt Air, Aaron Stivala, kkonferma illi l-prenotazzjoni tal-attur ghar-ritorn tieghu lejn Malta giet fil-fatt ikancellata, u dan fuq struzzjonijiet tal-agent, u cioe’ s-socjeta’ konvenuta, fl-14 ta’ Jannar 2010; madanakollu, jghid ukoll illi kien inhareg il-biljett a favur tal-attur sabiex jirritorna lura Malta fil-25 ta’ Frar 2010, u ladarba t-titjira tkun *ticketed*, allura l-hlas ghal dik il-parti tal-vjagg tkun giet imwettqa.

Ikkunsidra,

Illi rrizulta bhala stat ta’ fatt illi l-prenotazzjoni li kien ghamel l-attur sabiex jirritorna lura Malta wara l-btala tieghu gewwa Thailand, liema ritorn kien previst ghall-25 ta’ Frar 2010, giet imhassara, u dan minkejja l-fatt illi hu kien hallas ghal din il-prenotazzjoni. Illi rrizulta wkoll illi la s-socjeta’ konvenuta u lanqas ir-rapprezentant tal-Egypt Air ma kienu f’posizzjoni li jaghtu spjegazzjoni adegwata dwar min talab, u wettaq, il-kancellament ta’ dan il-biljett, u r-raguni ghal tali kancellament, ghalkemm ir-rapprezentant tal-Egypt Air ddikjara li kien ircieva struzzjonijiet f’dan ir-rigward minghand is-socjeta’ konvenuta.

Illi rrizulta illi bhala konsegwenza ta' tali kancellament, il-konvenut gie kostrett li jirritorna lura Malta fis-7 ta' Marzu 2010, ghalkemm jghid ukoll illi hu kien ghamel il-hsieb li jestendi l-btala tieghu gewwa Thailand bi tliet (3) ijiem ohra;  fil-fatt kien f'dak l-istadju, meta mar ghand l-agenzija tal-ivvjaggar ftit tal-jiem qabel il-25 ta' Frar 2010 sabiex jestendi l-btala tieghu, illi sar jaf illi l-prenotazzjoni tieghu kienet giet ikancellata.

Illi t-Tribunal jinnota illi, ghalkemm l-attur jilmenta illi l-btala tieghu kellu jestendiha b'aktar granet minn dak originarjament ippjanat, u ghalkemm jidher li kien hemm xi diffikolta' dwar il-prenotazzjoni li saritlu ghas-7 ta' Marzu 2010, madanakollu, fl-ebda waqt ma jsemmi jew jilmenta illi kellu jwettaq hlas mill-gdid ghat-titjira tieghu lura lejn Malta. Illi ghalhekk jidher illi minkejja l-fatt illi l-prenotazzjoni tat-titjira lura kienet giet ikancellata, madanakollu, sar it-tibdil fil-granet minghajr ma kien hemm il-htiega li l-attur jizborsa flus mill-gdid ghal din it-titjira.  Illi tant hu hekk, illi l-attur qed jillimita t-talba tieghu – in forza ta' din l-azzjoni – ghall-ispejjez ta' akkomodazzjoni u ikel li inkorra fil-perjodu bejn il-25 ta' Frar 2010 sas-7 ta' Marzu 2010.  Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi tali stat ta' fatt huwa rilevanti in kwantu l-izball li sar dwar il-kancellament gie b'xi mod rimedjat, ghalkemm mhux bl-ahjar mod possibbli, ghaliex l-attur kien xtaq li jirritorna lura Malta tliet (3) ijiem wara d-data originarjament ippjanata, u mhux ghaxart (10) ijiem kif fil-fatt gara.

Illi jsegwi ghalhekk illi kwalunkwe kumpens li jista' jkun intitolat ghalih l-attur ghandu jkun limitat ghall-perjodu ta' sebat (7) ijiem, u mhux ghaxra (10) kif qed jintalab, ghaliex ai fine dei conti, l-attur kien 'gia bil-hsieb li jestendi l-btala tieghu bi tliet (3) ijiem.

Illi t-Tribunal jinnota li s-socjeta' konvenuta ma hassitx il-htiega illi ssejjah fil-kawza lir-rapprezentanti lokali tal-Egypt Air, u ghalkemm qed tichad ir-responsabilita' ghall-kancellament tal-prenotazzjoni – u rrizulta bhala stat ta' fatt, illi din il-prenotazzjoni giet ikancellata – madanakollu, mhux qed tikkontendi li m'hix il-legittimu kontradittur,

filwaqt illi taddossa r-responsabilita' lil hadd iehor. Illi lanqas m'hija konvincenti d-difiza tas-socjeta' konvenuta meta ddikjarat fir-risposta taghha li "... *kien l-attur stess li kkancella ir-return tieghu u talab lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmillu arrangamenti alternattivi stante li huwa ried jestendi s-safra tieghu*...", ghaliex ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara illi; "*Eventwalment irrizultalna li waqt li l-klijent [l-attur] kien qieghed Thailand il-biljett tar-ritorn gie kancellat.*"

Illi ghalhekk it-Tribunal mhux konvint mit-tezi mressqa mis-socjeta' konvenuta illi l-estensjomi tal-btala mill-attur saret biss u unikament ghax ried hu illi l-btala tieghu jigu estizi, u mhux konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u jillikwida l-kumpens li huwa intitolat ghalih l-attur ghall-ispejjez zejda inkorsi minnu konsegwenza tal-estensjoni fil-btala tieghu.

Illi kif 'gia gie rilevat precedentement, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kwalunkwe kumpens li jista' jkun intitolat ghalih l-attur, ghandu jkun limitat ghal sebat (7) ijiem, u mhux ghaxra (10) kif qed jitlob, u dan ghar-ragunijiet 'gia msemmija. Illi filwaqt illi l-attur ressaq provi, fil-forma ta' ricevuti, dwar l-akkomodazzjoni, ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dik il-parti tat-talba tieghu li tirrigwarda l-ispejjez ta' ikel u telefonati; illi filwaqt illi t-Tribunal iqis illi r-rata indikata mill-attur ta' tlieta u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€23.30c) kulljum ghall-ikel hija wahda ragonevoli, madanakollu, ladarba ma tressqet ebda prova in sostenn ta' dik il-parti tat-talba li tirrigwarda l-allegat kont tat-telefonati li saru mill-attur – liema kont seta' gie pprezentat ladarba l-attur illikwida ammont – allura din il-parti tat-talba ser tigi skartata. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' biss *in parte* t-talba tal-attur, u qed jillikwida l-kumpens li huwa ntitolat ghalih l-attur fl-ammont ta' tliet mija tmienja u erbghin Ewro u wiehed u tletin centezmi (€348.31c).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, jilqa' *in parte* t-talba tal-attur, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur

is-somma ta' tliet mija tmienja u erbghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€348.31c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.
L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------